MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 255/1996/1

**Francis, Rev Espedito, Ganni, Emanuel, Annunziata sive Lonza xebba, ahwa Tabone u b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2000, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria Attard stante l-mewt tar-Reverendu Dun Espedito Tabone fil-mori tal-kawza u b'digriet tat-22 ta' Dicembru 2004, il-gudizzju gie trasfuz f'isem l-istess Maria Attard stante l-mewt ta' John Tabone u Annunzjata Tabone fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza ta' l-atturi minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisidizzjoni Generali fl-1 ta' Novembru 2005, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghall-intendiment ahjar ta' dan l-appell:-

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew:

"Illi huma proprjetarji ta’ bicca raba ‘Ta’ Ghajn Qasab’ fil-limiti ta’ Nadur, fil-kuntrada tar-Ramla, tal-kejl ta’ cirka tomnejn u sighan u kejltejn pari ghal madwar elfejn sitt mija u hamsa u hamsin metru kwadru (2655m.k) u konfinanti minn nofsinhar ma’ beni ta’ Salvatore u Francesco Rapa, mit-tramuntana ma’ beni ta’ Michele Zammit, u mil-lvant mat-triq, u punent mal-wied, libera u franka;

"Illi din ir-raba kienet giet assenjata lil missier l-atturi Michele Tabone bis-sahha ta’ kuntratt ta’ divizjoni fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Novembru elf disa’ mija wiehed u ghoxrin (1921);

"Illi sussegwentement omm l-atturi kienet kriet din ir-raba lil certu Pawlu Muscat, illum mejjet, min-Nadur, Ghawdex;

"Illi xi zmien wara dan Pawlu Muscat kien, ad insaputa ta’ l-atturi u ommhom, bidel l-uzu ta’ parti minn din ir-raba ma’ Salvu Portelli b’tali mod illi din ir-raba twessghet fil-waqt li naqset mit-tul taghha; fil-waqt illi l-istess Muscat baqa’ ihallas l-istess qbiela bhal dik originali lil missier l-atturi u sussegwentement lill-atturi nfushom;

"Illi ricentement pero` l-atturi saru jafu bl-operat ta’ dan Pawlu Muscat u saru jafu wkoll illi r-raba illi l-uzu taghha kien gie akkwistat minn Salvu Portelli kien issa ghadda f’idejn il-konvenut odjern, iben l-istess Salvu Portelli;

"Illi meta l-atturi avvicinaw lil Joseph Portelli dan wera illi qieghed jippretendi illi l-porzjon art illi missieru kien

akkwista minghand Pawlu Muscat hija illum proprjeta` tieghu;

"Illi l-atturi jridu li huma jitpoggew lura fil-pussess u tgawdija tal-proprjeta` taghhom;

"Talbu, ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

"1. tiddikjara fl-ewwel lok illi l-bicca raba ‘ta’ Ghajn Qasab’ fil-limiti tan-Nadur, fil-kuntrada tar-Ramla, tal-kejl ta’ cirka tomnejn u sighan u keltejn pari ghal madwar elfejn sitt mija u hamsa u hamsin metru kwadru (2655m.k) u konfinanti minn nofsinhar ma’ beni ta’ Salvatore u Francesco Rapa (jew illum l-aventi kawza taghhom), mit-tramuntana ma’ beni ta’ Michele Zammit (jew illum l-aventi kawza tieghu), u mil-lvant mat-triq u punent mal-wied, libera u franka, hija proprjeta` ta' l-atturi;

"2. tiddkjara ukoll illi l-konvenut qieghed jokkupa porzjoni minn din ir-raba minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

"3. tikkundanna lill-konvenut ghalhekk sabiex jizgombra minn dik il-porzjon hekk okkupata minnu minn din ir-raba fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilu prefiss;

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja u ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Novembru 1996 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

"Rat d-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi bil-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti annessi;

"Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

"1. preliminarjament, li c-citazzjoni hija konfuza peress illi l-atturi la jispjegaw fejn hija l-bicca art li jippretendu li hija taghhom u wisq anqas dik li suppost hija dik ta’ missier il-konvenut u ghalhekk il-konvenut ma jistax jiddefendi ruhu kontra l-pretensjonijiet ta’ l-atturi li ma huma bl-ebda mod cari;

"2. illi ghalhekk il-konvenut jirriserva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ohra ‘quante volte’ l-atturi jispecifikaw ezatt liema art jippretendu li hija taghhom u liema jippretendu li hija ta’ Salvu Portelli, missier il-konvenut;

"3. illi fi kwalunkwe kaz il-gudizzju mhux integru peress illi l-konvenut mhux l-uniku eredi ta’ Salvu Portelli u ‘una volta’ qed jigi allegat bdil bejn Salvu Portelli u l-inkwilin tar-raba ta’ l-atturi ghandhom jkunu fil-kawza l-eredi ta’ Salvu Portelli kollha;

"4. fil-meritu u bla pregidizzju ta’ dak li gie eccepit fuq il-konvenut m’ghandux f’idejh ebda raba ta’ l-atturi u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-atturi;

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu annessa l-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

"Rat folio 84 id-digriet taghha, diversament preseduta, fejn l-atti gew trasfuzi minn fuq Dun Espedito Tabone ghal fuq Maria Attard stante l-mewt tar-Reverendu fil-mori tal-kawza;

"Rat wkoll id-digriet taghha (folio 150) fejn il-gudizzju gie similment trasfuz f’isem l-imsemmija Maria Attard stante l-mewt fil-mori ta’ Giovanni u Annunzjata konjugi Tabone;

"Ezaminat il-provi;

"Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

"Rat n-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-atturi (fol.57) u n-nota sussegwenti;

"Ikkunsidrat:

"Din hija l-*actio rei vendicatoria*. Permezz taghha l-atturi, wara li jistqarru li huma proprjetarji ta’ raba ‘ta’ Ghajn Qasab’ fil-limiti tan-Nadur, fil-kuntrada tar-Ramla, tal-kejl

ta’ cirka 2655m.k, deskritta bhala li tikkonfina nofsinhar ma’ beni ta’ Salvatore u Francesco Rapa, tramuntana ma’ beni ta’ Michele Zammit, lvant mat-triq, u punent mal-wied, jikkontendu li fiha bicca, li hija f’idejn il-konvenut, li l-inkwilin taghhom, Pawlu Muscat, zmien qabel, kien tahielu bi tpartit, u li l-konvenut qieghed issa jikkontendi li hija proprjeta’ tieghu.

"Ghalhekk isegwi li biex jirnexxu fil-kawza l-atturi ghandhom jippruvaw mhux biss li din l-art hija taghhom, tenut kont li mhux kontestat li l-konvenut ghandu, f’kull kaz, il-pussess materjali taghha, izda wkoll jinthiegilhom li jiddentifikawha. Hi l-fehma tal-Qorti li l-prova tat-titolu hi sekondarja ghal dik ta’ l-identifikazzjoni stante li jekk l-atturi jonqsu milli jidentifikawha ghajr jistghu jippruvaw it-titolu.

"Mill-atti, senjatament il-kuntratt esebit folio 5 et seq, pubblikat minn Nutar Francesco Refalo tas-27 ta’ Novembru 1921, jirrizulta illi kienet sehhet divizjoni bejn l-awtur ta’ l-atturi u terzi tal-*clausura di terra appellata* ‘tal-Armag’ sive ‘ta Ghain Kasab’ *quella stessa cioe’ pervenuta loro in quel contratto di divisione ricevuto per atto mio il sei del mese di giugno del anno mille novecento e tredici”*. Jirrizulta minn dan il-kuntratt illi din il-klausura ta’ art giet diviza f’erba’ porzjonijiet u lill-awtur ta’ l-atturi giet assenjata t-tielet porzjoni. Hi deskritta li tikkonsisti f’kapacita’ “di tumoli due, mondelli due, e misure due, confinata da mezzodi’ con beni della quarta parte, di tramontana con beni della seconda porzione, da levante con strada, e ponente con valle, franca e libera” u hi murija kulurita b’kulur roza fuq il-pjanta folio 61 (esebita mill-atturi).

"Illi pero`, kif gja` accennat, l-atturi jikkontendu li meta din l-art lilhom assenjata kienet mikrija lill Pawlu Muscat dan kien ‘partat’ parti minnha mal-gabillott ta’ art attigwa, jismu Salvu Portelli, l-awtur tal-konvenut, b’konsegwenza li l-art taghhom ckienet fil-wisgha u twessghet fit-tul. Hija din l-istrixxa art oggett ta’ dan il-bdil li l-atturi jidher li qeghdin issa jirrivendikaw u din il-Qorti ser tezamina jekk a bazi tal-provi u d-dokumenti in atti din l-art hiex identifikabbli u

f’kaz posittiv x’titolu ghandom l-atturi fuqha fis-sens jekk hiex parti mill-art assenjata lill-awtur taghhom bil-kuntratt tan-1921.

"Fir-rigward il-bdil xehdet Maria Muscat, armla ta’ l-inkwilin originali, li attestat ghal dan il-fatt u asseriet li wara li sehh, u zewgha beda jahdem parti ohra ma’ genb l-ghalqa mikrija lilu fil-waqt li waqaf jahdem il-parti li kien ceda, il-posizzjoni baqghet inalterata. Ix-xhud pero’ stqarret li ma kinitx f’posizzjoni tidentifikaha. L-atturi da parti taghhom b’nota, folio 57, esebiti xi pjanti, jiddentifikaw l-art bhala dik bordurata bl-isfar fuq il-pjanta markata ‘Nota B’ folio 62. Sewwa sew pero` l-Qorti ma fehmitx l-gist tal-argument li wassal lill-atturi biex asserew li hija din l-art li l-konvenut qieghed illegalment u abbuzivament jokkupa. Bhala fatt jirrizulta li cirka fil-1963 l-Gvern kien esproprja parti mill-faccata ta’ l-art biex twessghet Triq Ramla li a bazi tal-pjanta relattiva (esebita folio 61) effettwat it-tieni, it-tielet u r-raba porzjon. Jirrizulta wkoll li b’kuntratt (esebit mill-atturi folio 37), atti Nutar Paul George Pisani tas-7 ta’ Ottubru 1995, Joseph Portelli, l-attwali konvenut, u martu, xtraw tliet porzjonijiet divizi mill-istess estensjoni ta’ art, komplessivament ta’ kejl ta’ 624 metri kwadri, markati ittri “A”, “B” u “C” fuq il-pjanta folio 39, annessa ma’ l-imsemmi kuntratt. Issa, minn komparazzjoni ta’ din il-pjanta mal-pjanta esebita folio 61 ftit jista’ jkun hemm dubbju, kif qed taraha din il-Qorti, li l-porzjonijiet akkwistati mill-konjugi Portelli huma kollha mehuda mir-raba’ porzjoni oggett tad-divizjoni tan-1921 fuq citata. Din ir-raba porzjoni tirrizulta li kienet giet assenjata lil Lorenzo, Salvatore u Reverendu Dun Francesco ahwa Rapa f’kejl ta’ “due tumoli, tre mondelli, e quattro misure confinata da mezzodi’ con beni del Governo e beni di Paolo Vella da levante con strada, da ponente con valle, da tramontana con beni della terza porzione (ossija l-attwali atturi), franca e libera” u sussegwentement mibjugha u finalment akkwistata mill-konvenuti bil-kuntratt tan-1995. Veru li z-zewg porzjonijiet, ossija t-tielet u r-raba, li huma dawk rilevanti ghall-finijiet ta’din il-kawza, gew deskritti li mil-lvant imissu ma’ Triq Ramla, liema fattur l-esproprjazzjoni ma bidilx, izda minn imkien, ghajr mill-pjanta folio 63, ma rrizulta li dan l-istat ta’ fatt, kif dikjarat fiz-zewg kuntratti riferiti, nbidel tant li l-

art gja assenjata lill-atturi spiccat li ma tikkonfinax mat-triq. Lanqas l-attur Francis Tabone ma jghid espressament dan fix-xhieda tieghu. L-uniku indizzju dwar dan hi l-pjanta folio 63 redatta mill-Perit Arkitett Saviour Micallef li ma xehditx f'dawn il-proceduri. Jghidu wkoll l-atturi li l-konvenut xtara minghand sidien illegittimi u dan b'referenza l-art oggett ta' tpartit izda anka hawn l-Qorti ssaqsi minn fejn jirrizulta? Ghandu jkun car, f'dan il-kuntest illi r-referenza tista' tapplika biss ghall-porzjon 'A' li fil-kuntratt ta' l-akkwist tal-konvenut hi deskritta li mil-lvant u punent tmiss mal-beni tal-kompraturi u nofsinhar ma' beni tal-Gvern. Din pero` hi kwistjoni fattwali u l-fattwalita` ghalkemm din il-Qorti pruvat tidentifikaha ma rrizultatilhiex.

"Illi f'kawza ta' rivendika l-prova tinkombi fuq l-atturi u l-prova trid tkun pjena u konvincenti altrimenti *"melius est non habere titulum quam habere vitiosum" u "melior est conditio possidentis*". Ma jistghux l-atturi jippretendu li jkun l-konvenut li jipprova t-titolu tieghu jekk qabel ma jippruvawx t-titolu taghhom. F'din il-kawza huma sostnew li l-konvenut ghandu bicca raba li tappartjeni lilhom li kienet oggett ta' 'l hekk imsejjah 'tpartit' li kien sehh snin qabel u li flimkien ma' dak li xtara minghand l-aventi kawza tar-raba porzjoni huma gew li mir-rih tal-lvant illum m'ghandhomx access ghat-triq. Mill-provi, pero` dan ma giex dimostrat sodisfacjentement fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas sal-grad tal-probabbli.

"Ghaldaqstant, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad t-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom."

**<u>IR-RIKORS TA' L-APPELL TA' L-ATTURI APPELLANTI</u>**

2. L-atturi hassew ruhhom aggravati mis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad moghtija fl-1 ta' Novembru 2005, u hawn fuq riportata, u interponew appell minnha permezz ta' rikors prezentat fis-17 ta' Novembru, 2005. L-aggravji taghhom huma bazikament is-segwenti:

(i) Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet evalwazzjoni hazina tal-fatti, kif ukoll tal-punti legali relevanti ghall-fatti;

(ii) Illi l-ewwel Qorti ddikjarat illi peress illi din hija *actio rei vindicatoria*, huwa l-oneru ta' l-atturi illi jidentifikaw l-art appartenenti lilhom u illi l-konvenuti ma ghandhomx bzonn jipprovaw it-titolu taghhom sakemm l-atturi jibqghu ma jipprovawx taghhom, u dan peress illi l-konvenuti kellhom il-pussess materjali ta' l-art. L-appellanti jissottomettu illi dan il-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti huwa wiehed zbaljat peress illi l-konvenut ma uzax id-difiza tal-pussess izda indika bhala bazi tat-titolu tieghu kuntratt pubbliku;

(iii) Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet illi l-atturi ma identifikawx l-art illi jridu jirrivendikaw. Huma jsostnu illi dan huma ghamluh billi pprezentaw pjanta illi wriet il-porzjonijiet kollha ta' l-art u li ghalhekk identifikaw l-art proprjeta` taghhom;

(iv) L-appellanti jsostnu wkoll illi gabu prova sufficjenti tat-titolu taghhom illi jmur lura aktar minn tmenin sena;

(v) L-appellanti ma jistghux jifhmu kif l-ewwel Qorti staqsiet kif irrizulta illi l-art assenjata lill-atturi spiccat li ma tikkonfinax mat-triq meta huma ghamluha cara kif dan gara u dan skond il-pjanta illi huma ssottomettew.

L-atturi appellanti qeghdin jitolbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tal-1 ta' Novembru 2005, u dan billi jigu milqugha t-talbiet taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLAT JOSEPH PORTELLI</u>**

3. Skond il-konvenut appellat, is-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet gusta korretta u ghandha tigi konfermata. Skond hu l-ewwel Qorti ddecidiet tajjeb meta kkonsiderat illi l-problema ta' l-atturi appellanti mhijiex il-prova tat-titolu izda hija l-identifikazzjoni ta' l-art. L-appellanti ma setghux jidentifikaw liema kienet il-parti ta' l-art illi Salvu Portelli ta lill-bidwi taghhom bhala tpartit. Minbarra dan, l-atturi ghandhom nuqqas ta' indikazzjoni ta' kejl ta' faccati ta' tlett bicciet mir-raba li nqasmet bid-divizjoni tas-27 ta' Novembru 1921, ghaliex ghalkemm dawn il-porzjonijiet

gew deskritti kemm ghal kejl kif ukoll ghall-irjihat taghhom, il-kejl tal-faccata fuq it-triq ta' kull qatgha ma nghatax. Ghalhekk l-appell ta' l-atturi m'ghandu l-ebda bazi u ghandu jigi rigettat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**<u>FATTI MERTU TAL-KAWZA</u>**

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji ta' l-appellanti, din il-Qorti thoss li jkun opportun illi taghti sfond fil-qosor dwar il-fatti mertu tal-kawza in kwistjoni. Il-fatti saljenti huma:

(i) Illi permezz ta' kuntratt ta' divizjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Francesco Refalo datat 27 ta' Novembru 1921, bicca raba maghrufa bhala "Ta' Ghajn Qasab", in-Nadur, tal-kejl ta' elfejn sitt mija hamsa u hamsin metri kwadri (2655 m.k.) li kienet konfinanti min-Nofsinhar ma' beni ta' Salvatore u Francesco Rapa, mit-Tramuntana ma' beni ta' Michele Zammit, mil-Lvant mat-triq u mill-Punent mal-wied giet diviza f'erba' porzjonijiet u l-aventi kawza ta' l-atturi, Michele Tabone gie assenjat it-tielet porzjoni illi kellha kejl ta' *due tumoli, due mondelli e due misure* u kienet konfinanti min-Nofsinhar ma' beni tar-raba' porzjoni, mit-Tramuntana ma' beni tat-tieni porzjoni, mil-Lvant ma' triq u mill-Punent mal-wied;

(ii) Din l-art, bil-kejl ta' tomnejn u nofs, madwar il-hamsinijiet (1950's) giet mikrija lil Pawlu Muscat;

(iii) Madwar is-sena 1963, il-Gvern esproprja xi artijiet sabiex jirranga t-Triq tar-Ramla u fil-fatt esproprja wkoll parti mill-art ta' Maria Tabone, l-aventi kawza ta' l-atturi;

(iv) Wara ftit zmien Pawlu Muscat kien partat bicca minn din ir-raba ma' raba ta' Salvu Portelli;

(v) Permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani datat 7 ta' Ottubru 1955, Joseph Portelli akkwista tlett porzjonijiet divizi mill-art imsejjha "Tal-Almacc", fil-limiti tan-Nadur, wahda tal-kejl ta' tlett mija hamsa u tletin metri kwadri (335 m.k.) tmiss mil-Lvant ma' Triq ir-Ramla, nofsinhar ma' beni tal-Gvern, u Punent ma' beni ta' Joseph Portelli stess, ohra tal-kejl ta' mija wiehed u sittin metri kwadri (161 m.k) li tmiss mil-Lvant u Punent

ma' beni ta' Joseph Portelli, u nofsinhar ma' beni tal-Gvern, u bicca ohra tal-kejl ta' mija tmienja u ghoxrin metri kwadri (128 m.k.) li tmiss mil-Lvant u Punent ma' beni ta' Joseph Portelli u nofsinhar ma' beni tal-Gvern.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. L-atturi appellanti qeghdin jippruvaw jittentaw l-*actio rivendicatoria*. Sabiex jippruvaw it-titolu taghhom, l-atturi esebew kopja ta' kuntratt ta' divizjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Francesco Refalo datat 27 ta' Novembru 1921, illi bih huma gew assenjati t-tielet porzjoni illi kellha kejl ta' "*due tumoli, due mondelli e due misure"* u kienet konfinanti min-Nofsinhar ma' beni tar-raba' porzjoni, mit-Tramuntana ma' beni tat-tieni porzjoni, mil-Lvant ma' triq u mill-Punent mal-wied.

6. Ghalkemm mhuwiex ikkontestat illi l-appellanti huma proprjetarji ta' porzjoni ta' art kif fuq deskritta, l-atturi ma rnexxielhomx jidentifikaw sufficjentement liema ezattament hija din l-art. Fil-fatt kienu l-konvenuti illi kienu l-ewwel illi esebew pjanti relativi ghal din il-bicca art, liema pjanti jinsabu a fol. 36 sa fol. 39 tal-process. Fil-pjanta illi tinsab a fol. 36 tal-process hemm spjegazzjoni ta' liema bicca art hija l-proprjeta` ta' l-atturi, liema hija l-proprjeta` tal-konvenut, l-arja illi hija mahduma mill-atturi, l-arja illi hija mahduma mill-konvenut u anke bicciet ta' art illi ghalkemm ta' proprjeta` ta' l-atturi gew akkwistati mill-konvenut permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani fis-7 ta' Ottubru, 1995. Dak illi huwa nieqes minn din il-pjanta huma l-varji mizuri ta' dawn il-bicciet art. F'din il-pjanta hemm ukoll nota illi fil-fatt l-parti mmarkata bl-isfar illi hija mahduma mill-konvenut hija bicca shiha u mhijiex maqsuma fin-nofs biex turi illi nofsha hija proprjeta` ta' l-atturi. Il-pjanta a fol. 39 turi tlett bicciet art illi akkwista l-konvenut fl-1995. Din il-pjanta hija dettaljata u turi anke l-varji mizuri illi l-konvenut akkwista.

Sussegwentement, l-atturi esebew numru ta' pjanti illi jinsabu minn fol. 61 sa fol. 63 tal-process. Il-pjanta a fol. 61 hija *site plan* illi turi l-erba' porzjonijiet illi gew divizi bil-kuntratt ta' divizjoni tal-1921, it-tielet porzjoni illi giet assenjata lill-atturi appellanti hija mmarkata bil-kulur roza.

Il-pjanta a fol. 62 hija identika ghall-pjanta illi esebew il-konvenuti a fol. 36 tal-process, u fl-ahhar, il-pjanta a fol. 63 turi l-esproprijazzjoni illi kienet saret da parti tal-Gvern ta' Malta fl-1963 sabiex tigi mwessa' Triq ir-Ramla.

7. Minn dan kollu, din il-Qorti bhall-ewwel Qorti hija konvinta illi l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw minghajr l-ebda dubju illi l-konvenut qieghed juza bicca art illi hija proprjeta` taghhom. Anzi dak illi jirrizulta minn dawn il-pjanti huwa illi l-konvenut akkwista artijiet illi kienu parti mir-raba' porzjon tal-kuntratt ta' divizjoni tal-1921. Il-punt krucjali tal-kwistjoni kollha hija illi ghalkemm il-konvenut appellat irnexxielu jidentifika l-art illi huwa akkwista fl-1995 u dan partikolarment kif jidher mill-pjanta ezibita a fol. 39 tal-process - l-atturi appellanti ma rnexxilhomx jaghmlu l-istess ezercizzju.

Din il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjoni tal-konvenut appellat illi l-erba' bicciet art illi gew divizi fl-1921 kollha kienu jaghtu ghat-triq, izda din il-Qorti ma ghandha ebda indikazzjoni tal-kejl tal-faccata ghal got-triq illi kull porzjoni kellha.

8. L-unika identifikazzjoni, jekk tista' titqies bhala tali, illi l-appellanti ppruvaw jaghmlu sabiex jidentifikaw liema bicca mill-art ha l-konvenut, kien billi qalu illi wara certu zmien illi l-art kienet mikrija lil Muscat, dan ghamel tpartit ma' Salvu Portelli li jigi l-missier tal-konvenut, biex b'hekk Muscat wessa' ir-raba filwaqt illi naqqas mit-tul. Dawn il-mankanzi da parti ta' l-atturi diga` gew senjalati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u ghalhekk mhux il-kaz li jigu hawn ripetuti. Anke jekk wiehed jezamina ix-xiehda moghtija mill-attur Francis Tabone jsib konferma kemm dan huwa kwazi totalment injar dwar liema bicciet raba jappartjenu lilu, partikolarment fir-risposti vagi jew approssimativi li jaghti in kontro-ezami (ara fol. 137 - 147 tal-process). F'medda ta' erbghin (40) sena cirka, dan Francis Tabone lanqas qatt resaq lejn dawn l-ambjenti u t-taghrif li kellu ghall-fini ta' identifikazzjoni, inghata lilu verbalment minghand haddiehor, u l-perit li ha mieghu biex jaghmel xi kejl jidher li mexa fuq tali informazzjoni moghtija mit-terz. Din il-Qorti ghalhekk, bhal dik ta' qabilha, ma giet

sodisfatta xejn li l-atturi ghamlu prova attendibbli biex jiggustifikaw ir-rivendikazzjoni tat-titolu minnhom vantat.

9. Din il-Qorti qieghda tirriafferma dak li gie ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet **Wisq Rev. Kanonku Tezorier Giuseppe Cassar nomine v. Emmanuele Barbara et**, Appell Civili, 7 ta' Ottubru 1980, jigifieri li f'azzjoni rivendikatorja, kif inhu proprju l-kaz prezenti, l-atturi jridu jippruvaw id-dominju ossija l-proprjeta` tal-haga li jridu jirrivendikaw. Mhijiex sufficjenti l-prova li dik il-haga mhix tal-konvenut imma jridu juru pozittivament li hi taghhom stess, ghaliex inkella "*melior est conditio possidentis*", u din il-prova hemm bzonn li tkun kompleta u konkluziva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-icken wiehed, ghandu jmur favur il-possessur konvenut. In effetti l-gurisprudenza waslet sal-punt li tirritjeni li anke jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut hi ghandha tilliberah, jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubju - **Giuseppe Buhagiar v. Giuseppi Borg et**, Appell Civili, 17 ta' Novembru 1958; **Clive Simpson nomine v. Dr. Gaudenz Borg**, Appell Civili, 6 ta' Lulju 1993; **Grazio Vella v. John Buhagiar**, Appell, 26 ta' Mejju, 1998.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell ta' l-atturi u ghalhekk tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, tal-1 ta' Novembru, 2005. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------